MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 250/2011

**Rowena Farrugia (K.I. 403985M)**
**Vs**
**Clifford Agius (K.I. 391270M) u**
**Rose Ann Agius (K.I. 15268M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attrici hija proprjetarja tal-fond bl-indirizz ‘Floss Carmeli’, fi Triq Carmelo Vassallo, Iklin; illi l-konvenuti li huma girien tal-attrici, qed jaghmlu uzu minn parti ta’ hajt divizorju mibni mill-attrici u dan minghajr ma hallsu l-appogg skont il-ligi; illi l-ammont dovut lill-attrici mill-konvenuti tal-imsemmi appogg huwa ta’ mija hamsa u hamsin ewro u disgha w erbghin centezmu (€155.49) skont kif iccertifika l-perit Dr Edwin Mintoff (ara dokument anness u mmarkat bhala Dok. A); illi l-konvenuti nterpellati biex ihallsu is-somma hawn fuq imsemmija diversi drabi baqghu inadempjenti; Ghaldaqstant, l-attrici umilment titlob lil dan it-Tribunal

joghgbu: 1. Jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici s-somma ta' mija hamsa u hamsin ewro u disgha w erbghin centezmu (€155.49) dovuti ghall-appogg fuq spjegat; bl-ispejjez u bl-imghax legali skont il-ligi kontra l-konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccipew illi t-talbiet attrci kif dedotta fl-avviz ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li hija preskritta peress illi ghaddew aktar minn hames (5) snin mid-data ta' meta kien dovut l-appogg u dana a norma tal-artikolu 2156(f) tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta (Mizzi Martin vs Camilleri Joseph [Appell civili 1590/1998/1 – 20.10.2004]); salv eccezzjonijiet ohra.

Ra d-dokumenti kollha;

**Ikkunsidra:**
Illi f'din il-kawza l-attrici qeghda titlob illi l-konvenuti jhallsu sehem allegatament dovut minnhom ghall-appogg ta' hajt divizorju mibni mill-attrici li minnu l-konvenuti qed jaghmlu uzu. L- eccezzjoni preliminari li tqajjem mill-konvenut dwar it-talba odjerna hija li t-talba hija preskritta.

Ghalhekk it-tribunal ser jghaddi biex jezamina l-eccezzjoni mqanqla u cjoe artikolu 2156(f) tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif ikkonfermat mis-sentenza 'Martin Mizzi vs Joseph Camilleri' (Appell Civili 1590/1998/1 deciz fl-20 t' Ottubru 2004).

Sfortunatament, ghal darba ohra, t-Tribunal ghandu verzjonijiet konfligenti:

Clifford Agius xehed bil-gurament illi huwa s-sid tal-propjeta' 43, Triq Carmelo Vassalli u li xtara d-dar fis-sena 2002. "*Nghid illi d-dar tieghi hija l-ewwel dar, kienet l-ewwel dar mibnija fit-triq, jigifieri ma kellhiex girien dak iz-zmien. Issa fir-rigward tal-hajt tal-appogg ta' fuq il-bejt mill-gurnata li dhalna fiha konna nonxru u nuzaw dan il-hajt biex nonxru. Nghid illi meta dhalt fid-dar tieghi l-habel tal-inxir kienu diga hemmhekk".* Il-hbula tal-inxir kienu imwahhlin mill-gurnata li dahal fid-dar.

Rowena Farrugia xehdet bil-gurament nhar id-29 ta’ Mejju 2012. Ix-xhud iddikjarat illi din il-kawza tikkoncerna *aerial* li twahhal mal-hajt taghha u li wara li hadet passi kriminali kontra l-konvenut hu kien ha passi biex johrog l-*aerial* il-barra ghalkemm baqghet imwahhla. Ix-xhud iddikjarat illi l-hajt kienet bnietu hi. Illi kuntrarju ta’ dak li nqtal mill-konvenut hi ddikjarat illi ma kienx hemm hbula tal-inxir mwahhlin minn tant qabel. Il-hbula tal-inxir twahhlu xi sena qabel ma twahhal l-*aerial* u zgur mhux qabel 2008.

Illi l-verzjoni tal-konvenut hi pjuttost vaga fis-sens illi hu xtara l-post fit-2002. Illi jghid illi kienet binja waheda. Min-naha l-ohra mbaghad jghid illi mill-bidu beda juza il-hajt tal- appogg biex jonxor. Hu ma wriex bic-car meta beda juza l-hajt ta’ appogg. Fil-fehma tat-Tribunal dan ma setghax jkun fit-2002 ghaliex skont ix-xhieda tieghu stess ma kienx hemm girien. Illi t-Tribunal ma nghatax data meta nbena l-hajt divizorju u meta beda juzah il-konvenut. Ghalhekk it-Tribunal mhuwiex fi posizzjoni biex jaghmel kalkoli tieghu ghall-preskrizzjoni. Illi ghaldaqstant il-prova ta’ preskrizzjoni ma gietx sodisfatta mill-konvenut.

Ghalhekk it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

L-ispejjez a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------